



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Lulju 2023
(OR. en)

12057/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0292 (NLE)

LIMITE

CORLX 771
CFSP/PESC 1109
RELEX 942
COAFR 281
COARM 198
CONUN 201
FIN 823

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru
1183/2005 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika
Demokratika tal-Kongo

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta' ...

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1183/2005
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni
fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/... tal-... ta' Lulju 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo¹⁺,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L ...

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' referenza u d-data tal-adozzjoni għad-Deċiżjoni stabbilita f'ST 12055/23, u kkompleta n-nota ta' qiegħ il-paġna korrespondenti.

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005¹ jagħti effett lid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK² u jipprevedi ċerti miżuri diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK), inkluż l-iffriżar tal-assi tagħhom.
- (2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fir-RDK, id-Deċiżjoni (PESK) 2023/...⁺ temenda l-kriterji tal-elenkar awtonomu tal-Unjoni biex tippermetti l-applikazzjoni ta' miżuri restrittivi mmirati kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jipprovdu appoġġ lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp responsabbli għas-sostenn tal-konflitt armat, l-instabbiltà jew l-insigurtà fir-RDK.
- (3) Għaldaqstant, hemm bżonn ta' azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni biex jingħata effett lid-Deċiżjoni (PESK) 2023/...⁺, partikolarment bil-għan li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħha mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.
- (4) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1183/2005 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1183/2005 tat-18 ta' Lulju 2005 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU L 193, 23.7.2005, p. 1).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK tal-20 ta' Diċembru 2010 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU L 336 21.12.2010, p. 30).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' referenza għad-Deċiżjoni stabbilita f'12055/23.

Artikolu 1

Fl-Artikolu 2b(1) tar-Regolament (UE) Nru 1183/2005, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(d) l-għoti ta’ appoġġ lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi responsabbli għas-sostenn tal-konflitt armat, l-instabbiltà jew l-insigurtà fir-RDK.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President